

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1450/2004**
tat-13 ta' Awissu 2004

li jimplementa d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 183M, 5.7.2006, p. 63)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|-------------|--|------------------|-------|-----------|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ► M1 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2007 ta' l-20 ta' Awwissu 2007 | L 216 | 10 | 21.8.2007 |
| ► M2 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 540/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 | L 160 | 8 | 23.6.2009 |



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1450/2004

tat-13 ta' Awissu 2004

li jimplementa d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2003 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika tal-Komunità dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbiliet il-miżuri individwali ta' statistika meħtieġa sabiex tibda tingħabar statistika tal-Komunità dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri għall-implementazzjoni ta' miżuri individwali ta' statistika kif stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE.
- (3) Il-miżuri individwali ta' l-istatistika għandhom jikkunsidraw id-Deċiżjoni Nru 2367/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm statistiku tal-Komunità għal bejn l-2003 u l-2007 ⁽²⁾ li speċifikament jiddermina il-programm ta' ħidma għall-produzzjoni u t-titjib ta' l-istatistika dwar l-innovazzjoni għall-perijodu ta' bejn l-2003 u l-2007.
- (4) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni ma' standards internazzjonali oħrajn, li jfisser li x-xogħol li sar mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn irid jiġi kkunsidrat.
- (5) Fl-implementazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE għandu jiġi kkunsidrat il-qafas provdut mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità ⁽³⁾ li fih disposizzjonijiet li jkopru l-aċċess għal sorsi amministrattivi u kunfidenzjalità fl-istatistika.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar tal-Programm ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni tad-Deċiżjoni 1608/2003/KE fir-rigward ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 230, 16.9.2003

⁽²⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 1

⁽³⁾ ĠU L 52, 22.2.1997, p.1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p.1)



Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jkopri l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni. Għal dawn l-istatistiċi, il-lista ta' varjabbli statistiċi, l-attivitàjiet u s-setturi koperti, it-tqassim tar-riżultati, il-frekwenza, l-iskadenzi għat-trasmissjoni tad-data u l-perijodu transizzjonali għandhom ikunu kif stipulat fl-Anness.

2. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet fir-rapporti preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1608/2003/KE, il-lista ta' varjabbli statistiċi, l-attivitàjiet u s-setturi koperti, it-tqassim tar-riżultati, il-frekwenza, l-iskadenzi għat-trasmissjoni tad-data u karatteristiċi oħrajn stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu riveduti f'perijodi regolari ta' żmien.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jakkwistaw id-data meħtieġa billi jużaw kombinazzjoni ta' sorsi differenti bħal kampjuni ta' sħarriġ, sorsi amministrattivi ta' data u sorsi oħrajn ta' data. Is-sorsi l-oħrajn ta' data għandhom mill-anqas ikunu f'termini ta' kwalità jew proċeduri ta' stima statistika, daqs il-kampjuni ta' sħarriġ jew is-sorsi amministrattivi tad-data.

Artikolu 4

L-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni elenkata fl-Anness għandha tkun ibbażata fuq kunċetti u definizzjonijiet armonizzati, li jinsabu fl-aktar verżjoni reċenti tal-Manwal ta' Oslo. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-kunċetti u definizzjonijiet armonizzati fl-istatistika li trid tinġabar.

Ir-rapporti preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1608/2003/KE għandhom jirreferu għal kunċetti u definizzjonijiet u l-applikazzjonijiet tagħhom.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jibgħatu l-istatistika miġbura kif elenkat fl-Anness fuq bażi ta' bilfors u d-data individwali fuq bażi volontarja, lill-Kummissjoni (Eurostat) billi jużaw il-format standard ta' trasmissjoni li jrid jiġi stipulat mill-Kummissjoni (Eurostat) f'kooperazzjoni magħhom.

Artikolu 6

L-evalwazzjoni tal-kwalità għandha ssir mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni (Eurostat).

L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni (Eurostat), fuq talba tagħha, l-informazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-kwalità ta' l-istatistika stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament li tkun meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti r-reqwiżiti ta' rappurtaġġ stipulati fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1608/2003/KE.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **B**

ANNEX

STATISTIKA DWAR L-INNOVAZZJONI

Sezzjoni 1

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru din l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni li ġejja:

| Kod- iċi | Titolu | Kummenti |
|-------------|---|--|
| 1 | Numru ta' impriżi attivi fl-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala % ta' impriżi |
| 2 | Numru ta' impriżi nnovattivi li ntroduċew prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinjifikanti, li huma ġodda fis-suq. | Bħala valur assolut, bħala % ta' l-impriżi kollha u bħala % ta' impriżi attivi fl-innovazzjoni |
| 3 | Fatturat mill-innovazzjoni, marbuta ma' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinjifikanti, li huma ġodda għas-suq | Bħala valur assolut, bħala % tal-fatturat totali u bħala % tal-fatturat totali mill-impriżi attivi fl-innovazzjoni. |
| 4 | Fatturat mill-innovazzjoni, marbuta ma' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinjifikanti, li huma ġodda għall-impriża iżda mhux għas-suq | Bħala valur assolut, bħala % tal-fatturat totali u bħala % tal-fatturat totali mill-impriżi attivi fl-innovazzjoni. |
| 5 | Numru ta' impriżi attivi fl-innovazzjoni involuti fil-kooperazzjoni fl-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala % ta' impriżi attivi fl-innovazzjoni |
| 6 | Spiża fuq l-innovazzjoni | Bħala valur assolut, bħala % tal-fatturat totali u bħala % tal-fatturat totali mill-impriżi attivi fl-innovazzjoni – mhux bilfors |
| 7 | ► M2 Numru ta' intrapriżi ta' innovazzjoni attiva li indikaw objettivi ta' importanza kbira ta' innovazzjoni ◀ | Bħala valur assolut u bħala % ta' l-impriżi kollha attivi fl-innovazzjoni |
| 8 | Numru ta' impriżi attivi fl-innovazzjoni li jindikaw sorsi importanti ħafna ta' informazzjoni għall-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala % ta' l-impriżi kollha attivi fl-innovazzjoni – mhux bilfors |
| 9 | Numru ta' impriżi li qed jaffaċċjaw fatturi importanti ta' ostakolu | Bħala valur assolut, bħala % ta' l-impriżi kollha u bħala % ta' impriżi attivi fl-innovazzjoni u bħala % ta' impriżi mhux attivi fl-innovazzjoni ► M2 mhux obligatorju għas-sena kalendarja 2008 ◀ |

Lil hinn mill-istatistika elenkata hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiġbru statistika addizzjonali (inkluż it-tqassim tagħha) skond it-temi prinċipali elenkati fil-Manwal ta' Oslo. Din l-istatistika addizzjonali ser tiġi deċiża f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri.

▼ **M1**

Sezzjoni 2

Bħala minimu, l-intrapriżi fit-taqsimiet B, C, D, E, H, K tan-NACE Rev. 2 u fid-diviżjonijiet 46, 58, 61, 62, 63 u 71 tan-NACE Rev. 2 għandhom ikunu koperti.

▼ **B**

Sezzjoni 3

Il-varjabbli kollha għadhom jiġu rrapurtati kull erba' snin, ħlief għall-varjabbli 1, 2, 3, 4 u 5 li jridu jiġu rrapurtati kull sentejn.

Sezzjoni 4

L-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tinġabar statistika hija s-sena 2004.

▼B*Sezzjoni 5***▼M1**

1. Ir-riżultati kollha għandhom jitqassmu wieħed wieħed skond l-attività ekonomika (NACE Rev. 2) fil-livell tat-taqsima u bil-klassijiet tad-daqs ta' l-impjeg li ġejjin: 10-49 impjegat, 50-249 impjegat, aktar minn 249 impjegat.
2. Ir-riżultati kollha għandhom jitqassmu wieħed wieħed skond l-attività ekonomika (NACE Rev. 2) fil-livell ta' diviżjoni.

▼B

3. Ir-riżultati tal-varjabbli 5 jridu jitqassmu skond it-tip ta' kooperazzjoni fl-innovazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 7 jridu jitqassmu skond it-tip ta' effetti ta' l-innovazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 8 jridu jitqassmu skond it-tip ta' sorsi ta' informazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 9 jridu jitqassmu skond it-tip ta' fatturi ta' ostakolu. Dan it-tqassim ser jiġi deċiż f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri.

Sezzjoni 6

1. Ir-riżultati kollha jridu jiġu trasmessi fi żmien 18-il xahar minn għeluq is-sena tal-perijodu ta' referenza.
2. L-Istati Membri jistgħu jitrasmettu fuq bażi individwali dokumenti b'data individwali li tkopri l-entitajiet statistiċi mistharra fil-qafas ta' l-istħarriġ nazzjonali lill-Kummissjoni (Eurostat).

Sezzjoni 7

1. Il-kwestjonarju ta' l-istħarriġ, użat għall-Istħarriġ ta' l-Innovazzjoni tal-Komunità li jsiru kull erba' snin u li jibdew bis-sena ta' referenza 2004, għandu jkopri t-temi prinċipali msemmija fil-Manwal ta' Oslo fir-rigward tal-kejl ta' l-impriżi ta' innovazzjoni.
2. F'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-metodu għall-Istħarriġ ta' l-Innovazzjoni tal-Komunità għandhom jiġu mfassla mill-Kummissjoni (Eurostat) u dan iwassal għal livell għoli ta' armonizzazzjoni tar-riżultati ta' l-istħarriġ. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom mill-anqas ikunu jkopru l-popolazzjoni mmirata, il-metodoloġija ta' l-istħarriġ (inkluż aspetti reġjonali), il-kwestjonarju armonizzat ta' l-istħarriġ, il-kollezzjoni, l-ipproċessar u t-trasmissjoni tad-data u r-rekwiżiti ta' kwalità tad-data.
3. F'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-metodoloġija għandhom jiġu mfassla wkoll għall-istħarriġ dwar l-innovazzjoni l-oħrajn li jsiru kull erba' snin, u li jibdew mis-sena ta' referenza 2006.
4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-metodoloġija nazzjonali wżata fl-istatistika nazzjonali dwar l-innovazzjoni.

Sezzjoni 8

Fejn is-sistemi nazzjonali ta' statistika jkollhom bżonn adattamenti kbar, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi lill-Istati Membri fir-rigward ta' l-istatistika li trid tinġabar għall-ewwel sena ta' referenza 2004. Jistgħu jingħataw derogi addizzjonali fir-rigward tal-kopertura ta' l-attivitajiet ekonomiċi skond in-NACE Rev. 1.1 u jew it-tqassim bid-daqs tal-kategorija ta' l-istatistika li trid tinġabar għas-sena ta' referenza 2006.